Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

24 ta' April 2024

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.18 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa – Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Chrismar Xuereb - Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 67.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

67.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

67.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 66 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispettivament.

## 67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

67.3.1 Is-Sindku Hubert Saliba nforma lil Kunsill li d-data pjanata għall-ftuħ uffiċċjali tal-Bandli tal-Ħamrija hija nhar it-18 ta' Mejju 2024. Huwa żied jgħid li fil-preżent qed isiru l-aħħar xogħolijiet f'dan il-bandli fejn jidħol tħawwil ta' xitel u arbuxelli.Is-Sindku qal ukoll li ż-żurżieqa li kien ordna l-Kunsill tinsab fil-qrib li tkun installata u żied jgħid ukoll li l-perit issuġġerixxa biex il-plakka kommemorattiva issir fuq ġebla. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li fiċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni ssir attivita għat-tfal. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li jsiru attivitajiet sportivi fil-grawnd dakinhar stess. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan għar-raġuni li ċ-ċerimonja għandha tibqa marbuta mal-bandli biss. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar dwar din iċ-ċerimonja.

67.3.2 Is-Sindku semma wkoll il-Proġett tal-Barmil, fejn issuġġerixxa li l-*open gym equipment* jiġu nstallati fil-belveder tal-Barmil, Triq Manwala. Is-Sindku issuġġerixxa wkoll sabiex is-*sensory equipment* jiġi nstallat fil-Bandli tal-Ħamrija. Il-Kunsill qabel unanimament.

67.3.3 Is-Sur Hubert Saliba nforma lil membri tal-Kunsill dwar l-iskema restawr maħruġa minn Eco Gozo mill-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu f'idejh id-dokumenti u l-pjanti għall-Trejqet l-Għammiedi wara li l-Kunsill kien prepara dan ftit taż-żmien ilu. Il-Kunsill qabel li għandha tkun Trejqet l-Għammiedi, it-triq/sqaq li tibbenefika min din l-iskema ta' restawr.

67.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri tal-kunsill dwar is-suġġeriment sabiex il-kawża li hemm miftuħa kontra s-sur Ronald Debrincat, fil-Bandli Ta' Ġokk, tiġi eliminata, għar-raġuni li din l-art tappartjeni lil Lands Authority u mhux lill-kunsill. Għalhekk il-kunsill qabel unanimament, u qabel li għanda tkun il-Lands Authority li jieħdu ħsieb dwar din is-sitwazzjoni.

## 67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

67.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa staqsa dwar bozza fi Triq Torri Gorġun. Waqt il-laqgħa tqajmet diskussjoni dwar il-problema li l-kuntrattur qed idum ma jibdel u jsewwi il-ħsarat rapurtati. Il-kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġeriet biex nibdew nqabbdu lil-

HS

kuntrattur direttament aħna sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Il-kunsill qal li għandu jiġi diskuss aktar il-quddiem dwar din is-sitwazzjoni.

67.4.2 Il-Viċi Sindku Paul Azzpardi ssuġġerixxa sabiex issir tabella li tindika kemm hi wiesa t-triq ħdejn il-ħanut tal-bonbos fi Triq Il-Kbira għal Triq l-Għarus. Il-Kunsill qabel dwar dan.

67.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet biex Triq l-Indipendenza ssir *one way* għar-raġuni li qed jinġema t-traffiku f'ċertu ħinijiet matul il-ġurnata. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dan. Isemmiet il-problema li jekk Triq l-Indipendenza tiġi *one way*, ma jkunx hawn minfejn tagħti alternattiva aħjar għat-traffiku. Is-Sindku wieġeb li dwar dan irid isir studju minn nies esperti. Il-Kunsilliera Attard saħqet li dan l-eżerċizzju irid isir mar-residenti Xewkin, għax huma jafu l-problemi tat-traffiku fir-raħal. Għaldaqstant ma kienx hemm qbil dwar dan is-suġġeriment għal *one ways* għar-raġuni li t-toroq alternattivi mhux ser jgħinu biex is-sitwazzjoni titjieb. Minkejja dan il-Kunsill qabel li navviċinaw lill-awtoritajiet sabiex jekk possibli jibdew jintużaw rotot differenti għax-xarabanks li jgħaddu minn Triq l-Indipendenza minflok juzaw dejjem dik it-triq. Dan biex innaqqsu l-konġestjoni fit-traffiku ta' Triq l-Indipendenza.

67.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar il-*buffer zone* ta' bejn ir-residenzi u ż-żona industrijali. Il-membri preżenti qalu li rridu niċċekkjaw f'hiex kien wasal dan il-proġett mill-awtorità konċernata.

## 67.5 Proġetti

67.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri preżenti, ċirkulari dwar Skema maħruġa minn Eco Gozo mill-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar dwar restawr ta' sqaqien jew niċċeċ storiċi. Il-Kunsill qabel unanimament li dwar l-iskema tal-isqaqien l-kunsill għandu japplika għal-Trejqet l-Għammiedi peress li dan ilu fil-ħsieb tal-kunsill. Il-kunsill iddiskuta wkoll il-possibilita li f'din l-iskema tiddaħħal ukoll niċċa fix-Xewkija sabiex tiġi restawrata. Issemmew diversi niċċeċ, fi Triq l-Indipendenza, Triq San Ġwann Battista, etc, pero wara li s-Sindku ċċekkja jekk humiex eleġibbli, ġejna nfumati li dawn it-tip ta' niċċeċ li jiffurmaw parti min propjetajiet privati, m'humiex eleġibbli. Għal din ir-raġuni l-kunsill mhux ser japplika għal restawr ta' niċċeċ.

67.5.2 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri preżenti skema Ġonna fl-Urban għall-Kunsilli Lokali sabiex jinxtraw siġar taż-żebbuġ jew lariġ biex jiġu mħawla f'postijiet pubbliċi. Il-Kunsill wara li ddiskuta dan, qabel li fil-preżent m'hawnx postijiet fejn jistgħu jitħawwlu s-siġar msemmiha.

*18:03 Daħal fil-laqgħa Daniel Galea, l-Accountant tal-Kunsill.*

## 67.6 Festa San Ġwann Battista 2024

67.6.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet sabiex jiġu nstallati magni tal-BCRS fil-jiem tal-festa fi Triq Rotunda, Xewkija. Dan sabiex ninkoraġġixxu lin-nies biex waqt l-

HS Cx

attivitajiet marbuta mal-festa, minflokk jarmu l-fliexken fil-kontenituri tal-iskart, jiddepożitaw dawn il-fliexken fil-magni tal-BCRS. Il-kunsill qabel ma dan ġaladarba dawn ma jkunux ta' inkonvenjent għar-residenti.

67.6.2 Il-kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet biex jinxtraw żewġ pavaljuni li l-Għaqda tal-Armar għandha għall-bejgħ sabiex jiddendlu mal-faċċata tal-uffiċċju tal-kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 67.7 Levant 2024

67.7.1 Id-deputat Segretarju eżekuttiv informa lill-membri preżenti bit-talba mill-Kumitat Ċentrali sabiex il-kunsill itella l-attivita Levant li ssir f'Settembru. Il-Viċi Sindku staqsa dwar din l-attivita u kif tinħadem u wieġeb li l-kunsill għandu jitkellem ma Avukat għall-parir. Hu ssuġġerixxa wkoll li għandna naraw l-insurance tkoprix dawn it-tip ta' attivitajiet ukoll. F'dal każ l-kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-awtoritajiet konċernati dwar attivitajiet simili.

## 67.8 Unaudited Financial Statements 2023

67.8.1 Is-Sur Daniel Galea, accountant tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija, ta' rapport u fiehem fid-dettall l-estimi finanzjarji tas-sena 2023. Huwa wieġeb għall-mistoqsijiet tal-membri preżenti. Il-kunsill approva unanimament dawn l-estimi finanzjarji tas-sena 2023.

*18:21 Ħareġ mil-Laqgħa s-sur Daniel Galea.*

## 67.9 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni – Żvilupp ta' Lattrini Pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex

67.9.1 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv ta' rapport fil-qosor dwar il-proġett ta' rinnovvar u installazzjonijiet ta' magni awtomatiċi fil-lattrina tal-bandli tal-Ħamrija. Il-kunsill qabel li jinħatar Bord tal-Evalwazzjoni li jkun magħmul minn dawn in-nies; William Sultana, Daniel Galea, Mario Cauchi, Dr Kevin Mompolao, u Chrismar Xuereb.

## 67.10 Komunikazzjoni

67.10.1 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill id-diversi talbiet li qed jidħlu għall-permessi fi Ġnien Blankas. Il-kunsilliera żiedu jgħidu

wkoll li qed ikun hemm diversi festini fil-ġnien u li ħafna nies qed iħallu ħafna ħmieġ warajhom. Is-sindku qal li biex jinħarġu permessi mill-kunsill trid issir Bye-Law. Il-Kunsilliera Attard issuġġeriet biex il-kunsill jikkunsidra li ssir bye-law. Il-kunsill qabel li għandna niddiskutu din il-materja aktar fid-dettall u anke nieħdu parir professjonali mingħand Avukat.

67.10.2 Is-Sindku Hubert Saliba qal li issa li tlesta x-xogħol ta' Triq l-Ehbiel, għandha terġa teħel sleeping police fejn kienet qabel.

## 67.11 Korrispondenza u Ilmenti

| | |
|---|---|
| 27/03/2024 | Cir AKL 2024/025_Save the Date – 29th ECAD'S Mayors Conference – June 12th 2024. |
| 01/04/2024 | Cir AKL 2024/022_Fire Warden Training 2024. |
| 01/04/2024 | Cir 2/2024 Kors ta' Baċellerat fl-Arti fil-Politika u l-Governanza. |
| 01/04/2024 | Cir AKL 2024/021_You Matter – Strentening Minds, Building Resilience_13.04.2024. |
| 04/04/2024 | Korrispondenza mingħand Eman Agius fejn talab permess biex jagħmel użu minn Ġnien Blankas fis-27 t'April, 2024. Il-kunsill qabel li ma jinħarġux permessi għall-attivitajiet privati. |
| 09/04/2024 | Cir AKL 2024/026_Rights Training – Second Round. |
| 10/04/2024 | Konferma dwar is-sessjonijiet t'April mingħand Ms Cynthia Formosa u proposta għal Lauch fl-10 ta' Mejju fis-1.00p.m.. |
| 10/04/2024 | Korripondenza mingħand id-Direttur dwar siti ta' Campers u Caravans, risposta għandha tingħata sal-Erbgħa 17 t'April, 2024. |
| 11/04/2024 | Short Course on line on Stroke Care. |
| 12/04/2024 | Cirk 7/2020 Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04. |
| 12/04/2024 | Town Twinning Call for Proposals under the Citizens, Equality, Rights and Values (CERV) Programme. |
| 12/04/2024 | Save the Date:- SGSF Final Conference – Thursday 25th April 2024; Project Co-funded by the Norwegian Funding. |
| 15/04/2024 | Reminder taċ-Ċirkulari AKL 2024/026_Rights Training – Second Round sessjonijiet ġewwa Għawdex – Kunsill Lokali Qala. |
| 15/04/2024 | Korrispondenza dwar talba għall-permess għal użu ta' Ġnien Blankas għal (Laser Tag). Il-kunsill qabel li ma jinħarġux permessi għall-attivitajiet privati. |
| 15/04/2024 | Town Twinning Call for proposals under the Citizens, Equality Rights and Values (CERV) Programme. |
| 16/04/2024 | Happy Parenting – Malta (for Happier Children) International Conference. |
| 16/04/2024 | Gozo Branch Operations Prevention Services. |
| 17/04/2024 | Sezzjoni ta' Informazzjoni fuq National Cyber Security Challenge 2024 fit-2 ta' Mejju, 2024. |
| 19/04/2024 | EU Climate Pact National – Event – 8th May 2024 – Invite – Local Council.St |
| 22/04/2024 | Cir AKL 2024/027_Stedina mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. |
| 22/04/2024 | Cir AKL 2024/028_MCast Summer Teens. |
| 24/04/2024 | Talba mis-sur Kelinu Camilleri li jixtieq li jsiru spazji għall-parkeġġ għall-muturi fi Triq Ħamrija. |
| 24/04/2024 | Skema Ġonna fl-Urban għall-Kunsilli Lokali biex jinxtaw siġar tal-larinġ u Żebbuġ biex jiġu mħawla f'Postijiet Pubbliċi. |

HS

## Ilmenti

| | |
|---|---|
| 19/04/2024 | Talba mis-sur Pierre Attard resident fi Triq l-Indipendenza, Xewkija, jixtieq li tiġi restawrata l-istatwa ta' San Ġwann li għandu mal-faċċata bl-iskema li ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. |
| 04/04/2024 | Talba mis-sur Eugenio Said fejn jixtieq li ssir *sleeping police* fi Triq tal-Kanal qrib Triq is-Salvatur għax il-karozzi qed isuqu bi speed eċċessi. Il-kunsill qabel li għandna nkellmu lil-perit dwar dan. |
| 08/04/2024 | Talba mis-sur Jonanthan Borg biex iz-Zebra Crossing li hemm Triq l-Imġarr ta' quddiem Pipi titressaq bi ftit minħabba sit ta' kostruzzjoni. |
| 08/04/2024 | Talba mis-sur Paul Busuttil biex isiru żewġ bollards quddiem il-farmhouse li qed tinbena fi Triq l-Għarus minħabba li t-triq hija dejqa. Il-kunsill ma qabilx ma din it-talba. |
| 15/04/2024 | Tabella biex ma jitfgħux żibel Triq Mallia Vernon ma Triq San Ġwann kull darba qegħed jaqilghuha meta nagħmluha tal-Karti. |
| 19/04/2024 | Talba mis-sur Sammy Vella għal-'Dough Sheeter' għall-iSkola Primarja Roża Magro tax-Xewkija. Il-kunsill qabel li tinxtara din il-magna. |
| 19/04/2024 | Is-Sur Renzo Vella għamel talba biex jitneħħa l-arblu tad-dawl minn mar-residenza tieghu li tinsab 'The Gorge', Triq LZ Haber, Xewkija. Il-kunsill qabel li ir-resident għandu jitkellem direttament mal-Enemalta. |

## 67.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti

67.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 67.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

HB

67.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-19:46. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Hubert Saliba

Sindku

Chrismar Xuereb

Deputat Segretarju Eżekuttiv